**Parlament Ewropew**
2024-2029

**TESTI ADOTTATI**

# P10_TA(2026)0091

## Miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni (BRRD3)

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta’ Marzu 2026 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-miżuri ta’ intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta’ azzjoni ta’ riżoluzzjoni u d-Direttiva 2014/24/UE fir-rigward tas-servizzi ta’ valwazzjoni f’riżoluzzjoni (15445/1/25 – C10-0073/2026 – 2023/0112(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15445/1/25 – C10-0073/2026),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta’ Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta’ Lulju 2023[2],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[3] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0227),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat

---

1 ĠU C 307, 31.8.2023, p. 19.
2 ĠU C 349, 29.9.2023, p. 161.
3 ĠU C, C/2025/3753, 17.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3753/oj.

responsabbli skont l-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0066/2026),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f’konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, f’konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;*

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.